MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2013

Numru 74/2008

Il-Pulizija

(Spettur Josric Mifsud)

Vs

Richard Joseph Maurice Vella bin Venanzio u Mary nee' Haber imwieled fit-23 ta' Settembru 1986, residenti fil-fond Gesu Redentur, Triq l-Gharb, Gharb, Ghawdex detentur tal-karta ta'l-identita bin-numru 165995(M)

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Richard Joseph Maurice Vella li permezz taghha huwa gie akkuzat talli nhar il-04 ta' Dicembru 2004 ghal habta ta' 09:00hrs fi Triq l-Gharb, limiti tal-Gharb, Ghawdex:-

1. saq vettura Nru. TDI-018 b'manjiera traskurata u perikoluza (Art.15(1)(a)Kap.65).
2. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragini jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti habat ma' vettura IAW-529 u involontarjament ikkagunalha hsarat b'detriment ghal George Micallef mill-Gharb, Ghawdex (Art.328 Kap.9)
3. aktar talli b'kagun ta' din il-kolluzzjoni b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragini jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, involontarjament ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Jimmy Piscopo u dana skond kif iccertifika Dr. Marvic Masini MD, feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Benjamin Joe Farrugia minn Nadur u skond kif iccertifika Dr. Joseph Rapa MD, u feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' George Micallef u dan skond ma' iccertifika Dr. Marvic Masini MD ta'l-Isptar Generali ta' Ghawdex (Art 226(1)(e) Kap.9)
4. aktar talli fl-istess lok, hin u cirkustanzi, waqt li kien isuq vettura numru TDI-018 qasam il-linji bojod kontinwi (MVR Reg88)
5. aktar talli fl-istess lok, hin u cirkustanzi saq vettura TDI-018 meta ma kienx kopert bil-polza ta'l-assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni. (Art.3 Kap.104)

Rat id-dokumenti esebieti.

Rat in-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali tas-27 ta' Frar 2012.

Semghet lill-imputat jiddikjara illi ma ghandux oggezzjoni illi l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi s-sinistru stradali mertu tal-kawza sehh fit-triq principali li mir-Rabat tiehu lejn l-Gharb – triq piuttost wiesgha, b'vizwali tajba ghalkemm b'xi liwjiet hfief fiha, fejn zewg vetturi jistghu isuqu komodament. Fil-jum ta'l-incident

jidher illi ma kienx hemm xi kundizzjonijiet fit-temp jew fit-triq li setghu jostakolaw is-sewqan u il-vizwali tax-xufiera. Madanakollu fuq in-naha tax-xellug tat-triq, fid-direzzjoni lejn l-Gharb kien hemm trukk wieqaf mal-genb li kien qed jinsaq minn xi haddiema tal-Gvern li kienu qed jiehdu hsieb jaqghtu xi haxix li kien hemm fil-genb tat-triq. Minhabba f'dina ir-raguni ghalhekk is-sewwieqa li kienu qed isuqu fil-karreggjata tat-triq li tiehu mir-Rabat lejn l-Gharb, necessarjament riedu jaqilghu ftit 'il barra lejn nofs it-triq u cioe' mal-linji bojod kontinwi li jifirdu iz-zewg karreggjati. George Micallef, li kien qed isuq vann bin-numru IAW-529, hekk ghamel ukoll. Izda hekk kif kien qed jisorpassa dan it-trukk wieqaf mal-genb tat-triq giet vettura misjuqa mill-imputat mid-direzzjoni l-opposta, u cioe' direzzjoni mill-Gharb lejn ir-Rabat, li ghal xi raguni spiccat baqghet diehla dritt ghal fuq il-vann tieghu *head on*. Jidher illi l-vettura misjuqa mill-imputat halliet brejk marks twal madwar 39 metru. Dawn il-brejk marks instabu ma' genb il-linja il-bajda kontinwa b'dik tal-lemin fit-tul taghha kollha kompletament *wrong side*, u cioe' fuq il-karreggjata tat-traffiku tad-direzzjoni l-opposta. Illi la l-imputat u lanqas il-parti leza George Micallef ma jaghtu ix-xhieda taghhom billi fir-rigward tal-parti leza kien hemm ukoll proceduri kriminali pendenti, liema kawza ser tghaddi in gudikat ukoll illum flimkien ma' dina il-kawza. Illi l-uniku verzjoni li hemm fl-atti ghalhekk hija dik li giet moghtija lill-pulizija li investigaw dana is-sinistru stradali u ghalhekk kellmu lill-partijiet fuq il-post ta'l-incident, kif ukoll ix-xhieda li dawn it-tnejn minn nies taw quddiem il-Magistrat Inkwirenti fl-inkjesta magisterjali.

Illi flimkien mal-parti leza George Micallef rekbin bhala passiggiera kien hemm ukoll Jimmy Piscopo u l-minuri Benjamin Joe Farrugia li fiz-zmien li sehh dana l-incident kellu seba' snin. Illi dawn it-tnejn kienu rekbin vicin is-sewwieq bil-minuri bil-qieghda fin-nofs. Il-vann ma kienx mghammar bis-*seat belts* ghalkemm kien hemm l-ispajzu fis-seat fejn setghu jigu armati dawn is-*seat belts*. Illi l-impatt kien wiehed qawwi u frontali tant illi kien hemm hsarat estensivi fuq il-parti frontali taz-zewg vetturi bil-*windscreen* tal-vann pick-up titkisser kompletament. Konsegwenza ta' dana l-impatt il-minuri Benjamin Joe

Farrugia sofra griehi gravi f'rasu u f'xi hin kien anke fil-periklu tal-mewt u kellu jigi ittrasporat lejn l-isptar f'Malta. Jimmy Piscopo ukoll sofra griehi gravi u cioe' sfregju f'wiccu, filwaqt illi Micallef sofra griehi ta' natura hfief. Minhabba in-natura tal-griehi sofferti mill-parti leza, kienet saret inkjesta magisterjali fejn gew nominati diversi esperti.

Ikkunsidrat,

Illi mir-rapporti esebieti minn dawn l-esperti jidher illi kien hemm bizzejjed provi cirkostanzjali li setghu jindikaw b'mod car kif sehh dana is-sinistru stradali.

Illi l-espert Joe Zammit ighid:
"Illi l-vettura Ford Escort kienet qed tinstaq mid-direzzjoni tal-Gharb sejra lejn il-Victoria filwaqt li l-Pick-up kien qed jinstaq fid-direzzjoni opposta.

Illi din it-triq hija wiesa' bizzejjed kemm jghaddu zewg vetturi u hija immarkata b'sinjali continuous white line fin-nofs li tiddividi iz-zewg karreggjati opposti.

Illi instabu provi li l-Ford Escort tilfet il-kontroll u gibdet ghal fuq in-naha l-ohra tat-triq meta faccata kien gej il-pick up.

Illi l-Escort halliet brake marks twal ghal diversi metri li jaqsmu minn karreggata ghal ohra minn fuq il-continuous white line ghal karreggjata tad-direzzjoni opposta. …

Illi mill-ezamijiet teknici li l-esponent ghamel fuq dawn iz-zewg vetturi ma kienx jirrizulta li dan l-incident sehh minhabba xi hsarat li setghu zviluppaw fuq xi wahda mill-vetturi qabel l-incident.

Illi fil-fehma tal-esponent dan l-incident sehh minhabba telfien ta' kontroll da parti tad-driver tal-vettura Ford Escort (u cioe' l-imputat) li gibdet fuq in-naha tal-lemin b'velocita qawwija minn liema direzzjoni kien gej il-pick-up van.

Illi l-Escort dahal fuq il-parti frontali tal-pick up van f'dik li hija maghrufa bhala "head on collision."

Illi dawn il-konkluzjonijiet ta'l-espert tekniku huma ikkonfortati bir-rapporti tal-esperti l-ohra il-Perit Guido Vella u il-fotografu Max Xuereb li juru stampa cara tal-provi indizzjarji kollha li kien hemm fuq ix-xena ta' dana l-incident stradali. Jidhru l-brejk marks twal indikati mill-espert tekniku li jindikaw car u tond it-trajjetorja li hadet il-vettura ta'l-imputat, il-posizzjoni fejn spiccaw iz-zewg vetturi wara l-impatt, it-tifrik miz-zewg vetturi, u fuq kollox il-konfigurazzjoni tat-triq minn fejn jidher car illi l-vettura ta'l-imputat kienet tinsab fin-nofs tat-triq iktar lejn il-karreggjata l-opposta tat-traffiku, it-trukk tal-haddiema wieqaf mal-genb tat-triq u il-vettura tal-parti leza. Minn hawn jidhru zewg fatturi importanti u cioe' il-brejk marks twal madwar 39 metru li jinsab ezattament fin-nofs tat-triq u il-wesgha li kien hemm bejn il-vettura ta'l-imputat u il-hajt minn fejn jidher car illi kien hemm spazju wiesgha sufficjenti biex tghaddi vettura. Dana huwa indikattiv tal-fatt illi l-vettura ta'l-imputat gibbdet lejn in-nofs tat-triq u anke invadiet il-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta.

Illi apparti dawn il-provi indizzjarji, ma jidhirx illi hemm wisq kontestazzjoni bejn il-partijiet ghar-rigward tal-fattispecje ta' dana il-kaz. Ma hemmx dubbju illi kien hemm trukk wieqaf mal-genb tat-triq li minhabba fih il-parti leza kellu isuq lejn nofs it-triq biex jaqbzu. Illi ma hemmx dubbju lanqas illi l-imputat kien gej mid-direzzjoni l-opposta u tilef il-kontroll tal-vettura tieghu, kif ighid huwa stess meta jixhed quddiem l-Inkwirenti fejn ighid illi rabat il-brejk hekk kif lemah il-vettura ta' Micallef, mess iz-zebgha tan-nofs, u l-vettura tieghu zelqet iktar tant illi ma setax izommha. Ighid madanakollu illi huwa dejjem zamm man-naha tieghu tat-triq. Illi Jimmy Piscopo jikkontendi illi l-imputat kien qed jaghmel manuvra ta' sorpass u li kienet minhabba f'dina ir-raguni li sehhet il-kollizzjoni. L-imputat dana jichdu, izda ma hemmx dubbju illi il-vettura tieghu kienet qed tinsaq lejn in-nofs tat-triq kif jixhdu l-provi li instabu fuq il-post.

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-20 ta' Marzu 2003 fl-ismijiet il-Pulizija vs Neville John Psaila (per Imhallef J.Galea Debono App. Nru. 252/2003) jinghad:

"**Illi ma hemmx dubju li l-fatt li driver jitlef il-kontroll tal-karozza w jispicca fuq in-naha l-hazina tat-triq minnu nnifsu hija prova indizjarja jew "circumstantial evidence" jew tohloq "presumption of fact" ta' sewqan hazin, ghax driver suppost li jkollu l-vettura tieghu dejjem taht kontroll. Kif gie ritenut minn din il-Qorti fil-kawza "Il-Pulizija vs. James Abela" [11.7.2002]**

**"...f'materja ta' incidenti stradali, il-provi indizjarji hafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistghu ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari, li kulltant jistghu ikunu biss soggettivi w kulltant, x'aktarx iva milli le, jkunu kuluriti b'dak li jissejjah "esprit de voiture". Umbaghad fejn ma jkunx hemm xiehda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi bhal kull prova ndiretta ohra, jridu jkunu tali li jwasslu ghall-konkluzzjoni univoka w li biha l-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat".**

**Kif gie ritenut ukoll minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. A.I.C. Mortimer" (KOLLEZ Vol. XL. IV. p. 282) :-**
**"Speed jista' jigi dedott minn brake marks." u "Speed jista' jkun eccessiv anki jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari izda jiskorri dak dettat mill-fatturi ambjentali tal-mument." (App. Krim. Pul. vs. R. Bugeja (30.6.1992)**

**Illi NORMAN SULLIVAN fil-monografija tieghu: "The Advanced Driver" (1965 edit. p.88) jghid :-**

***"Nearly every time a motorist has to step on the brakes suddenly , the reason can be traced to a deficiency in his planning. A good driver rarely, if ever, has to stop the car as in an emergency, as the emergency would probably have been created by his own negligence ."***

**Illi umbaghad fil-fehma ta' din il-Qorti , il-fatt li vettura tant tohrog mill-kontroll tal-konducent li tispicca kompletament fuq in-naha l-hazina tat-triq u tahbat ma "on coming car" hu l-epitome tas-sewqan hazin u zgur li jinkwadra ruhu fil-kontest ta'sewqan perikoluz, li bih gie akkuzat u nstab hati tieghu l-appellant.**"

Illi huwa ezattament dak li gara f'dana l-incident. Illi kif ighallimna l-Highway Code fir-regolamenti 281 sa 283, brejk marks ta' 39 metru ifissru illi l-imputat kien ghaddej b'velocita' ta' kwazi 90 kilometru fis-siegha, velocita certament li teccedi bil-bosta il-velocita permessa fil-ligi. B'sewqan b'dina il-velocita', l-imputat ma kellux bizzejjed hin biex jieqaf tempestivament hekk kif l-imputat induna illi kien ser jidhol fuq il-vettura gejja mid-direzzjoni l-opposta. Ghalhekk hu sammar il-brejks bil-konsegwenza illi il-vettura illokkjat u telqet fuq in-naha l-ohra tat-triq biex b'hekk minflok gie evitat l-impatt, sehh il-kontra, bil-vettura tibqa titkaxkar dritt ghal fuq dik tal-patri leza li f'dak il-mument kien gej mid-direzzjoni l-opposta u ma setax jidhol 'il gewwa fil-karreggata tieghu minhabba t-trukk li kien hemm wieqaf mal-genb tat-triq.

Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi ghal dana is-sinistru stradali jahti unikament l-imputat li minhabba l-ispeed eccessiv li kien ghaddej bih ma seta bl-ebda mod jevita l-impatt hekk kif induna tard wisq illi it-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta kien qed jaqla xi ftit 'l barra lejn il-linja kontinwa tan-nofs minhabba t-trukk li kien wieqaf mal-genb. Ma hemmx dubbju ghalhekk illi is-sewqan ta'l-imputat jammonta ghal sewqan perikoluz u traskurat hekk kif previst fl-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat,

Illi mir-rapport esebiet mill-espert nominat mill-Qorti, Dr. Mario Scerri, l-minuri Benjamin Joe Farrugia sofra griehi ta’ natura gravi f’rasu. Ighid ir-rapport tieghu:

“Illi ftit wara li ddahhal l-isptar Generali ta’ Ghawdex dan (b’referenza ghal minuri) zviluppa *Jacksonian seizures*, gie ntubat u *sedated* u trasferit lejn l-isptar San Luqa permezz ta’ *helicopter*;

Illi s-*CT Scan* wera li kien hemm evidenza ta’ frattura tal-*frontal bone* fuq in-naha tax-xellug u hgiega li kienet *impacted* fil-*frontal bone*. Irrizulta wkoll illi din il-hiega ppenetrat il-*frontal lobe* tax-xellug.

Illi wara li dan gie operat instab illi kien hemm hgiega ohra u ghalhekk gie operat it-tieni darba; …

Illi c-cikatrici deskritta fuq in-naha tax-xellug tal-mohh (*forehead*) kienet rizultat ta’ numru ta’ lacerazzjonijiet suturati;

Illi din ic-cikatrici tidher minn *talking distance*.

Illi kien hemm evidenza ta’ *frontal bone deficit* u cioe’ kien hemm area t’ghadma fil-*frontal bone* li kienet deficenti bir-rizultat illi l-gilda u t-tessuti ta’ fuqha kienu *depressed* u *pulsating*. Din il-lezjoni rizultanti mill-istess incident hija minnha nnifisha lezjoni ta’ natura gravi.

Illi c-cikatrici l-ohra deskritta fuq il-*frontal region* tan-naha tax-xellug kienet rizultat ta’ incizjoni kirurgika.

Illi c-cikatrici msemmija fuq l-aspett anterjuri tan-naha tax-xellug tal-mohh (*forehead*) flimkien mal-*frontal bone deficit* u li huma vizibbli minn *talking distance* jibqghu bhala marka permanenti u sfiguranti fil-wicc.”

Illi anke l-parti leza Jimmy Piscopo sofra griehi ta’ natura gravi billi huwa sofra tlett feriti lacerokontuzi fuq in-naha tal-lemin ta’ wiccu, li kienu jinvolvu l-hxuna kollha tal-gilda u kienu kbar 3cm, 5cm u 8cm rispettivament. Dawn kienu

qrib l-ghajn il-leminija u ghalhekk kienu jikkostitwixxu sfregju fil-wicc u dana skond kif iccertifika it-tabib Dr. Marvic Masini. Illi l-parti leza George Micallef sofra biss feriti ta' natura hafifa, kif jixhed l-istess tabib, billi huwa ilmenta minn ugigh fuq in-naha ta' quddiem ta' sidru u ma kellu l-ebda feriti esterni.

Illi rigward l-akkuza tal-hsara involontarja, jirrizulta illi l-vettura, pick-up vann bin-numru ta' registrazzjoni IAW-529 giet iddikjarat *total loss* u dana kif juri is-survey report esebiet a fol.296 tal-process.

Illi min-nota ta' rinviju ghal gudizzju jirrizulta illi lill-imputat qed jigi addebitat ukoll bir-reat ikkontemplat fl-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi mill-provi akkwizti f'dawn il-proceduri jirrizulta illi il-vettura ta'l-imputat kienet assikurata mas-socejta ta'l-assikurazzjoni Atlas Insurance plc u li l-istess assikurazzjoni issetiljat il-*claim* li saret ghad-danni mill-parti leza, dana kif jixhdu id-dokumenti esebieti mix-xhud Steve Conti, rappresentant tas-socjeta assikratrici  a fols.321 sa 325 tal-process. Kwindi l-imputat ser jigi illiberat minn dina l-akkuza.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni il-fatt illi l-parti leza George Micallef irrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront ta'l-imputat, kif ukoll il-fatt illi l-imputat tramite l-assikurazzjoni tieghu ikkumpensa lill-vittmi kollha ta' dana l-incident ghad-danni sofferti minnhom kemm fizici kif ukoll materjali.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 225, 226(1)(a)(b)(c), 215, 216(1)(b), 218(1)(a), 328(b)(d), 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta,  ir-Regolament 88 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ahhar akkuza migjuba fil-konfront tieghu issibu hati tal-kumplament ta'l-akkuzi u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' €2000.

Inoltre l-imputat qed jigi skwalifikat milli ikollu licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett xhur mil-lum.

Finalment wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lil hati ihallas l-ispejjes peritali fl-ammont ta’ €1000.85 lir-Registratur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------